**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 140145** **29.01. 2014**

**L-AMBAXXATUR TAL-ISTAT TAL-QATAR GĦAL MALTA JAGĦMEL ŻJARA TA' KORTESIJA LILL-ISPEAKER**

Dalgħodu, l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Dr Anġlu Farrugia, kellu żjara ta' kortesija mill-Ambaxxatur tal-iStat tal-Qatar għal Malta, l-E.T. is-Sur Ali Saad A. Al-Kharji.

Iż-żewġ naħat iddiskutew suġġetti ta' interess komuni, fosthom iż-żjara ta' l-għola livell f'Malta mill-Emir tal-Qatar, it-taħdidiet li saru fil-Qatar f'Mejju li għadda bejn il-Ministri responsabbli mill-enerġija, il-ħsieb li l-Gvern Malti jiftaħ Ambaxxat f'Doha, kif ukoll is-support reċiproku għal diversi kandidaturi għal organizazzjonijiet internazzjonali.

Matul il-laqgħa, l-Ambaxxatur tal-Qatar wassal it-tislijiet lill-iSpeaker miċ-Chairman tal-Assemblea Konsultattiva tal-iStat tal-Qatar, l-E.T. is-Sur Mohamed bin Mubarak al-Kholaifi, waqt li ssemmiet ukoll il-possibilita` ta' stedina biex l-iSpeaker, l-Onorevoli Dr Anġlu Farrugia, jagħmel żjara fil-Qatar.

**Attachments: Photos**



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**